MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 287/2011

**Malaga Enterprises Ltd**
**Vs**
**Aquabiotec Ltd**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Marzu, 2011 fejn is-socjeta’ attrici tablet sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas l-kont tad-dawl u ilma fil-fond Sunshine Triq ix-Xtut Qawra. Dan il-fond gie mikri lill-kumpanija konvenuta permezz ta’ skrittura tal-5 ta’ Jannar, 2009.

Bl-ispejjez inklux dawk tal-Ittra Ufficjali tad-29 ta’ Ottubru, 2010 bl-interessi.

Illi b’risposta pprezentata fit-28 t’ April, 2011 is-socjeta konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha stante illi ebda ammont mhu dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici in konnessjoni ma’ kontijiet ta’ dawl u ilma;

Illi addirittura, kif taf bejn tajjeb is-socjeta attrici, din il-vertenza kienet gja giet diskussa bejn il-partijiet u in effetti intlahaq ftehim permezz ta’ liema s-socjeta’ konvenuta

kienet hallset somma a saldu ta' kwalunkwe ammont dovut in konnessoni mal'kontijiet ta' dawl u ilma;
Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma reklamata mis-socjeta' attrici hija wahda ferm esageratali ma tirriflettix il-konsum reali ghall-perjodu relattiv tal-kirja de quo;
Illi ghaldaqstant din l-azzjoni hija wahda kompletament frivola u vessatorja u s-socjeta' konvenuta ma ghandha tbati l-ebda interessi u lanqas spejjez;
Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti, kontra s-socejta attrici.
Xehed James Zammit li huwa mpjegat mas-socjeta' attrici u kien prezenti meta s-socjeta' attrici kriet il-fond in kwistjoni lis-socjeta' intimata. Dak inhar il-kumpanija Aquabiotec Ltd hallset l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) depozitu fuq l-affarijiet li jinsabu fil-fond mikri. Dan ix-xhud kien prezenti meta nqraw il-meters tad-dawl u ilma dak inhar illi gie ffirmarmat il-kuntratt u kien prezenti wkoll meta gew ritornati lura c-cwievet, rega sari l-qari tal-meters u ffirma ghalih Chris Clayburn.
Xehed Christopher Clayburn fejn spjega illi l-kumpanija li beda jahdem maghha Aquabiotec Ltd pprovdietlu l-akkomodazzjoni u biex ikun eqreb tal-post tax-xoghol dahal ghal kirja mas-socjeta attrici. Mal-kuntratt ittiehed il-qari tal-meters tad-dawl u ilma. L-ewwel kontijiet li rcieva kienu jirriflettu kont ta' qabel ix-xhud kien jghix fl-appartament. Pero is-socjeta attrici talbitu jhallas xi haga peress illi kienu ghaddew iktar minn erbgha xhur u ghalhekk is-socjeta konvenuta hallset l-ammont ta' mitt ewro (€100). Rega gara l-istess bil-kont sussegwenti fejn il-kont kien juri perjodu qabel l-inkwilindahal fil-post pero rega thallas l-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250).
Ix-xhud jispjega illi gibed l-attenzjoni diversi drabi illi l-kontijiet qed juri perjodu qabel dahal fil-post. Filfatt anki mar il-Water Services pero qalulu l ma setghux jghatuh informazzjoni peress illi l-kont ma kienx fuq ismu. Informa dwar dan lis-socjeta attrici pero jidher illi ma ghamlu xejn biex jissewwa l-izball u filfatt baqa jidher. Jghid illi meta spiccat il-kirja kien hemm negozjati u waslu ghal somma, liema somma filfatt thallset. Dan ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu hdejn il-qari tal-meters a fol 11 tal-process.
Xehdet Lisa Hunter d-Direttur tas-socjeta konvenuta li spjegat illi s-socjeta' konvenuta tikri postijiet ghal impjegati

barranin taghha. Qalet illi s-socjeta’ konvenuta kienet ilha tigbed l-attenzjoni dwar il-kontjiet u qalet ukoll illi Chris Clayburn telaq mill-post u mar jghix x’imkien iehor minhabba f’hekk. Spjegat illi meta giet itterminata l-kirja hija stess kienet hija stess li nnegozjat somma liema somma giet accettata u mhallsa lis-socjeta’ attrici. Wara xahrejn minn dan il-hlas is-socjeta’ attrici kienet ikkomunikat mas-socjeta konvenuta u qaltilhom li kien hemm kont pendent. Pero din ix-xhud issostni illi dan il-kont zbaljat. Fuq riezami qalet illi ghamlu diversi tentattivi sabiex jiccekkjaw il-kont mal-Arms pero ma setghux jghatu informazzjoni dwar il-kont.
Fis-26 ta’ Gunju’ 2012 xehed Raymond Zammit in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici illi rriduca s-somma ghal sebgha mija u tmienja u sebghin ewro u tletin centezmu (€778.30) u spjega illi kien il-kont mibghut mill-Arms.
It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi s-socjeta attrici kellha z-zmien tal-kirja kollha biex tirregola ruhha dwar il-kontijiet u ma kellhiex toqghod tistenna ghal waqt il-kawza sahansitra biex tirregola ruhha dwar l-ammont verament dovut. Kienet is-socjeta’ attrici biss illi setghet titlob informazjoni u tirregola l-kont u dan xehdet dwaru wkoll ix-xhud tas-socjeta konvenuta.
It-Tribunal jistrieh fuq id-dokument a fol 76 fejn Mark Grech ghan-nom tas-socjeta’ attrici qabel ma l-ammont li ssuggerixxa Chris Clayburn ta’ sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€645) u filfatt taw il-go ahead biex isir il-pagament. Galadarba s-socjeta’ attrici kellha c-cens illi tivverifika il-kont tal-Arms u kellhom il-fakolta sabiex jirregolaw ruhhom. It-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jcaqlaq dak il-ftehim li l-partijiet Ii jithallsu l-ammont ta’ sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€645) u kif tghid l-email stess ‘*the matter will be finished*’.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talbiet attrici u jilqa l-eccezzjonjiet tas-socjeta’ konvenuta.
Kull parti ghandha thallas t-taxxa tal-kawza taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------